MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 46/2012

**Mary armla ta' Joseph Sultana f'isimha proprju u fil-kwalita' taghha ta' mandatarju ta' l-imsiefer Joseph Debrincat, Michael Portelli fil-kwalita' ta' mandatarju ta' l-imsefrin George Debrincat, Tricia A. Hickman u Robert A. Stephan, Antoinette armla ta' Roger Portelli, Georgia Debrincat, Maria Assunta Debrincat, Maria armla ta' Vincent Debrincat, Joseph Debrincat u Gary Debrincat fil-kwalita' ta' mandatarju ta' l-imsiefer George A. Debrincat**

**-vs-**

**Gloria mart Francis Portelli, Maria mart Anthony Cini, Elizabeth sive Liza mart Anthony Mercieca f'isimha u fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ta' l-imsiefra Salvina mart Francis Portelli, Rosemarie Haber, Renzo sive Lorenzo Grima, Emanuel Grima f'ismu proprju u fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-imsefrin Joseph**

**Grima, Pauline mart Albert Fenech, Philip Grima, Michael Grima, Catherine mart Dennis Falzon u Raymond Grima, John Farrugia, Dr Kevin Mompalao li b'digriet tat-12 ta' Lulju 2012 gie nominat kuratur deputat ghan-nom ta' l-imsiefer Mark Stephan u Dr Mario Scerri li b'digriet tat-12 ta' Lulju 2012 gie nominat kuratur deputat ghan-nom ta' l-imsiefra Valerie Grech u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2013 giet kjamata fil-kawza Pawla Grima stante li Renzo sive Lorenzo Grima kien ilu mejjet meta giet intavolata l-kawza**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-atturi li jaqra hekk:

1. Illi huma flimkien mal-konvenuti l-ohrajn huma lkoll proprjetarji ta' diversi proprjetajiet immobbli kif elenkati f'Dok A, Dok B u Dok C.

2. Illi din il-proprjeta' gejja mill-wirt komuni illi jmur lura san-nanniet paterni George Debrincat u Coronata nee' Micallef u dawk materni Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius tal-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ahwa Debrincat.

3. Illi l-ulied ta' George Debrincat u Coronata nee' Micallef kienu Lorenza Farrugia nee' Debrincat, Anthony Debrincat, Joseph Debrincat, Carmelo Debrincat, Karmena Debrincat, Rita Debrincat u Michael Debrincat. Illi l-wirt komuni li hemm bejn uhud mill-kontendenti huwa wirt provenjenti minn komuni bejn Anthony Debrincat, Joseph Debrincat, Carmelo Debrincat u Michael Debrincat.

4. Illi l-wirt komuni li hemm bejn l-atturi Joseph, Maria Assunta u Georgia ahwa Debrincat u Maria armla ta' Vincent Debrincat ulied Joseph Debrincat u George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ulied Michael Debrincat u l-konvenuti l-ohra John Farrugia nepputi u werriet uniku ta' Carmelo Debrincat u

George A. Debrincat, Mark Stephan u Valerie Grech ulied Anthony Debrincat provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef huwa elenkat f'Dokument A.

5. Illi l-ulied ta' Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius kienu Michael Angelo Grima, Giuseppa Grima, Lawrence Grima, Maria mart Michael Debrincat.

6. Illi l-wirt komuni li hemm bejn l-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ahwa Debrincat u l-konvenuti l-ohra Salvina Portelli, Emanuel Grima, Maria Cini, Elizabeth Grima u ulied il-mejjet ibnu Joseph Grima: Rosemarie Haber u Renzo sive Lorenzo Grima u l-konvenuti l-ohra Joseph, Pauline mart Albert Fenech, Philip, Michael, Catherine mart Dennis Falzon u Raymond ahwa Grima provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius u minn Giuseppa Grima huwa elenkat Dokument B;

7. Illi nhar l-ewwel ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u tletin (1938) miet intestat Joseph Grima (certifikat tal-mewt anness bhala Dok D);

8. Illi Giovanna Rosa Grima nee' Agius mietet nhar l-erbgha ta' Frar elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) (certifikat anness bhala Dok E) li rregolat is-successjoni taghha permezz ta' tliet testmenti datati hamsa u ghoxrin ta' Mejju elf disa' mija u hamsa u hamsin fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci, tmienja ta' Frar elf disa' mija u sitta u sittin u tal-wiehed u ghoxrin ta' Frar tal-elf disa' mija u sebgha u sittin, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Guzeppi Cauchi fejn halliet eredi universali lil uliedu Michael Angelo Grima, Giuseppa Grima, Lawrence Grima, Maria mart Michael Debrincat.

9. Illi fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju elfejn u erbgha mietet Giuseppa Grima, xebba bint l-istess mejtin Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, imwielda u kienet toqghod l-Gharb, Ghawdex u li kellha l-karta ta' l-identita' numru 9914G (certifikat tal-mewt anness bhala Dok F). Hija rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' testament fl-atti tan-Nutar Dr Josianne Cini tas-sitta u ghoxrin ta' Dicembru elfejn u wiehed li pero' ma kienx

jirrigwarda l-wirt tal-proprjeta' immobbli u ghalhekk il-wirt ta' l-immobbli ghadda skond il-ligi in kwantu ghal terz (1/3) indiviz fuq ohtha Mary Debrincat, terz (1/3) fuq l-eredi ta' huha Michael Angelo Grima u terz (1/3) indiviz fuq l-eredi ta' huha Lawrence Grima.

10. L-eredi ta' Michaelangelo Grima huma wliedu l-konventui Salvina Portelli, Emanuel Grima, Maria Cini, Elizabeth Grima u ulied il-mejjet ibnu Joseph Grima: Rosemarie Haber u Renzo sive Lorenzo Grima.

11. L-eredi ta' Lawrence Grima huma wliedu l-konvenuti Joseph, Pauline mart Albert Fenech, Philip, Michael, Catherine mart Dennis Falzon u Raymond ahwa Grima.

12. Illi sussegwentement mietu Michael Debrincat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (Certifikat tal-mewt anness bhala dok G) u martu Mary Debrincat nhar it-tlettax (13) ta' April elfejn u ghaxra (2010) (certifikat anness bhala Dok H) li rregolaw is-successjoni taghhom b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tad-disgha (9) ta' April elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) (Dok I) fejn innominaw lil hames uliedhom l-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ahwa Debrincat bhala eredi universali fi kwoti ndaqs bejniethom.

13. Illi l-wirt komuni li hemm bejn l-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ahwa Debrincat huwa kontenut f'Dokument C.

14. Illi ghalhekk l-attrici Mary armla ta' Joseph Sultana ghandha wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma indivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima, u wiehed minn hamsa (1/5) mill-wirt provenjenti tal-genituri Michael u Mary Debrincat.

15. Illi ghalhekk l-attur Joseph Debrincat ghandu wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef, ghandu wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Gisueppa Grima u wiehed minn hamsa (1/5) mill-wirt provenjenti tal-genituri Michael u Mary Debrincat.

16. Illi ghalhekk l-attur George Debrincat ghandu wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef, ghandu wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandu wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima u wiehed minn hamsa (1/5) mill-wirt provenjenti tal-genituri Michael u Mary Debrincat.

17. Illi ghalhekk l-attrici Antoinette armla ta' Roger Portelli ghandha wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima u wiehed minn hamsa (1/5) mill-wirt provenjenti tal-genituri Michael u Mary Debrincat.

18. Illi ghalhekk il-konvenuta Gloria mart Francis Portelli ghandha wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima u wiehed minn hamsa (1/5) mill-wirt provenjenti tal-genituri Michael u Mary Debrincat.

19. Illi ghalhekk l-attur Joseph Debrincat ghandu wiehed minn sittax (1/16) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

20. Illi ghalhekk l-attrici Georgia Debrincat ghandha wiehed minn sittax (1/16) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

21. Illi ghalhekk l-attrici Maria Assunta Debrincat ghandha wiehed minn sittax (1/16) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

22. Illi ghalhekk l-attrici Maria armla ta' Vincent Debrincat ghandha wiehed minn sittax (1/16) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

23. Illi ghalhekk l-attur George A. Debrincat ghandu wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

24. Illi ghalhekk l-attur Robert A. Stephan ghandu wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

25. Illi ghalhekk l-attrici Tricia A. Hickman ghandha wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

26. Illi ghalhekk il-konvenut Mark Stephan ghandu wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

27. Illi ghalhekk il-konvenuta Valerie Grech ghandha wiehed minn ghoxrin (1/20) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef.

28. Illi ghalhekk il-konvenut John Farrugia ghandu kwart (1/4) indiviz mill-wirt provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee’ Micallef.

29. Illi ghalhekk il-konvenuta Salvina mart Francis Portelli ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

30. Illi ghalhekk il-konvenuta Maria mart Anthony Cini ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

31. Illi ghalhekk il-konvenuta Elizabeth sive Liza mart Anthony Mercieca ghandha wiehed minn hmistax (1/15) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, ghandha wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

32. Illi ghahekk il-konvenut Emanuel Grima ghandu wiehed minn hmistax (1/15) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

33. Illi ghalhekk il-konvenuta Rosemarie Haber ghandha wiehed minn tletin (1/30) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, ghandha wiehed minn tletin (1/30) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

34. Illi ghalhekk il-konvenut Renzo sive Lorenzo Grima ghandu wiehed minn tletin (1/30) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, ghandu wiehed minn tletin (1/30) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

35. Illi ghalhekk il-konvenut Joseph Grima ghandu wiehed minn tmintax (1/18) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee’ Agius, wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

36. Illi ghalhekk il-konvenuta Pauline mart Albert Fenech ghandha wiehed minn tmintax (1/18) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

37. Illi ghalhekk il-konvenut Philip Grima ghandu wiehed minn tmintax (1/18) mil-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandu wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

38. Illi ghalhekk il-konvenut Michael Grima ghandu wiehed minn tmintax (1/18) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandu wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

39. Illi ghalhekk il-konvenuta Catherine mart Dennis Falzon ghandha wiehed minn tmintax (1/18) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandha wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndiviz mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

40. Illi ghalhekk il-konvenut Raymond Grima ghadnu wiehed minn tmintax (1/18) mill-wirt provenjenti minn Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius, ghandu wiehed minn tmintax (1/18) ishma ndivizi mill-wirt provenjenti minn Giuseppa Grima.

41. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu milli jaddivjenu ghad-divizjoni ta' l-istess proprjeta' u l-istess konvenuti baqghu nadempjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil dina l-Qorti:

i. tiddikjara illi l-beni komuni bejn Joseph, Maria Assunta u Georgia ahwa Debrincat u Maria armla ta' Vincent Debrincat ulied Joseph Debrincat u George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ulied Michael Debrincat u l-konvenuti l-ohra John

Farrugia nepputi u werriet uniku ta' Carmelo Debrincat u George A. Debrincat, Mark Stephan u Valerie Grech provenjenti minn George Debrincat u Coronata nee' Micallef ulied Anthony Debrincat huma: A) Garage minghajr arja tieghu numru sebghin (70) jew numru verjuri, fi triq Sant'Ursola, Victoria, Ghawdex, Malta.

ii. Tiddikjara illi l-beni komuni bejn l-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ahwa Debrincat u l-konvenuti l-ohra Salvina Portelli, Emanuel Grima, Maria Cini, Elizabeth Grima u ulied il-mejjet ibnu Joseph Grima: Rosemarie Haber u Renzo sive Lorenzo Grima u l-konvenuti Joseph, Pauline mart Albert Fenech, Philip, Michael, Catherine mart Dennis Falzon u Raymond ahwa Grima huma: A) Lok ta' djar numru disgha u ghoxrin (29) fi Triq San Pietru, Gharb, Ghawdex bil-gnien anness mieghu; B) Porzjon art imsejha "Tal-Helu" limiti Gharb, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija sebgha u tmenin metri kwadri (187m.k.), tmiss nofsinhar ma' beni ta' Christino Axiak, lvant u punent ma' beni tal-ahwa Micallef; C) Porzjon art imsejha "ta' Slima" limiti San Lawrenz, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija sebgha u ghoxrin meteri kwadri (127m.k.), tmiss grigal, lvant u lbic ma' beni tal-ahwa Grima; D) porzjon art imsejha ta' San Niklaw limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta' cirka erba' mija sebgha u sittin metri kwadri (467m.k.) tmiss nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Joseph Spiteri, tramuntana ma' passagg u punent ma' beni tal-familja Agius, grigal, lvant u lbic ma' beni ta' l-ahwa Grima; E) porzjon art imsejha "ta' Kerex" limiti Kercem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tliet mija u erbgha u sebghin metri kwadri (374m.k.), tramuntana ma' beni ta' l-eredi ta' Giuseppa Mizzi, nofsinhar ma' beni ta' Francis Mercieca u lvant ma' beni tal-eredi ta' Giuseppa Mizzi; F) porzjon art imsejha "ta' Tura" limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta' cirka erba' mija u ghoxrin meteri kwadri (420m.k.) tmiss tramuntana ma' beni ta' l-ahwa Grima, punent ma' passagg u nofsinhar ma' beni ta' George Portelli; G) porzjon art imsejha "tal-Hanut" limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tliet mija sebgha u ghoxrin metri kwadri (327m.k.) tmiss lvant ma' beni ta' Nikola Grima, punent ma' beni ta' Joseph Mizzi u nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Grazio Micallef; H) porzjon art imsejha "ta' Kartelli"

limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka mitejn u tlieta u hamsin metri kwadri (253m.k.) tmiss tramuntana mat-triq, nofsinhar ma’ beni ta’ Joseph Cassar u lvant ma’ beni ta’ Giovanna Micallef; I) porzjon art imsejha “il-Pirwilin” limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka hames mija tnejn u sittin metri kwadri (562m.k.) tmiss punent ma’ beni tal-familja Camilleri, tramuntana ma’ beni tal-familja Galea u nofsinhar ma’ beni tal-familja Formosa; J) porzjon art imsejha “Ta’ Felici” limiti San Lawrenz, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka mitejn u hamsin metri kwadri (250m.k.) tmiss grigal ma’ triq, majjistral ma’ beni tal-familja Vella u lbic ma’ beni tal-familja Micallef; K) porzjon art maghrufa bhala “tar-Roqgha” fl-inhawi “tad-Debba” limiti San Lawrenz, Ghawdex tal-kejl komplessiv ta’ cirka hames mija u wiehed u ghoxrin metri kwadri (521m.k.) jew il-kejl kollu li fih, konfinanti tramuntana ma’ beni ta’ Lorenzo Grima jew aventi causa tieghu, nofsinhar ma’ beni tal-eredi ta’ Guzeppi Mizzi u lvant ma’ passagg; L) porzjon art imsejha “tal-Gidi” limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl komplessiv ta’ cirka seba’ mija u hamsin metri kwadri (750m.k.) konfinanti tramuntana ma’ beni ta’ Michele Portelli jew l-aventi causa tieghu, nofsinhar ma’ beni ta’ Pawlu Muscat jew l-aventi causa tieghu u punent ma’ beni ohra ta’ Lorenzo Grima jew l-aventi causa tieghu.

iii. Tiddikjara illi l-beni komuni bejn George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli ulied Michael Debrincat huma: A) porzjon art imsejha “ta’ Kartelli” fil-limiti ta’ l-Gharb, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka mitejn u tlieta u hamsin metri kwadri (253m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma’ triq, nofsinhar ma’ beni ta’ Joseph Cassar u punent ma’ porzjon art proprjeta’ ta’ l-aventi causa ta’ Giuseppa Grima; B) lok ta’ djar tar-residenza tad-decujus bla numru u bl-isem Dar Arjuza fit-Telgha tal-Belt, Victoria, Ghawdex bil-garage bla numru anness, u b’zewg imnadar annessi, wahda fuq wara u l-ohra fil-genb tal-istess dar, konfinanti mil-lvant mat-triq, tramuntana ma’ beni tal-Knisja Katidrali u nofsinhar ma’ beni ta’ l-eredi ta’ Adrian Agius, jew irjieh verjuri; C) lok ta’ djar bla numru bl-isem Micmar fi Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex gia limiti tax-Xaghra, Ghawdex konfinanti min-nofsinhar mat-triq, punent ma’

beni ta’ l-eredi Farrugia u Ivant in parti ma’ beni ta’ Dun Gorg Debrincat u in parti ma’ beni ta’ terzi persuni;

iv. Tahtar perit nominandi sabiex jara jekk il-beni msemmija jistghux jigu kommodament divizibbli bejn il-kontendenti skond il-porzjonijiet li jmiss kull wiehed jew wahda skond il-ligi.

v. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika, okkorrendo, l-att tal-qasma fil-gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti fis-sentenza bil-hatra ta’ kuraturi ghall-kontumaci.

vi. Illi jekk jirrizulta illi l-proprjeta’ surreferita ma tistax tigi kommodament divizibbli tordna li l-istess proprjeta’ tinbiegh b’licitazzjoni skond l-istima li jkun hejja l-perit nominandi u taht dwak il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluz ta’ l-ittri ufficjali spediti f’Novembru 2010, Novembru 2011, Dicembru 2011 u Mejju 2012, tar-rikors ghall-hatra ta’ kuraturi deputati pprezentat kontestwalment ma’ dina l-kawza u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma ngunti.

Rat li fir-risposta tieghu Dr Kevin Mompalao kuratur deputat ta’ l-imsiefer Mark Stephan eccepixxa :

1. Illi preliminarjament din il-kawza hija nulla stante illi qed tintalab likwidazzjoni ta’ wirtijiet li huma separati u distinti minn xulxin u li fihom il-partijiet f’din il-kawza ma humiex kollha partecipi. Il-likwidazzjoni ta’ dawn l-ereditajiet kellha tintalab bi procedura separata.

2. Illi similment din il-kawza ma tistax tissokta oltre stante illi t-talbiet fiha ma jitolbux il-likwidazzjoni ta’ l-ereditajiet per se, izda il-likwidazzjoni tal-propjetajiet mizmuma in komun.

3. Illi t-talbiet ma jsegwux mill-premessi u ma hux car minn liema ereditajiet huma derivanti l-propjetajiet msemmija. Nuqqas li jimporta wkoll in-nullita’ tal-kawza.

4. Illi mill-mod kif inhuma fformulati t-talbiet li jitolbu biss divizjoni ta’ assi mmobbli u ma jitolbux id-divizjoni ta’ l-eredita’ intiera, dan ifisser illi ma ntalbet biss divizjoni parzjali haga li ma hix permessa mil-ligi.

5. Illi mill-bqija u salv il-premess, li huma eccezzjonijiet ta’ natura legali, l-eccipjenti jiddikjara illi fil-mertu ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant filwaqt li jirrimetti ruhu ghall- provi migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti, jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li jirnexxilu jistabilixxi kuntatt fl-esteru mal-persuna minnu rapprezentata.

6. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kurtaur ta’ l-assenti, l-Avukat Dottor Kevin Mompalao, li jikkonferma l-konoxxenza ta’ l-istess.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut John Farrugia eccepixxa:

1. Illi huwa sottomess fl-ewwel lok li in kwantu jirrigwarda l-involviment tieghu fid-divizjoni, l-esponenti assolutament qatt ma naqas milli jikkopera biex tintlahaq divizjoni bonarja bejn il-partijiet. Kienu pjuttost il-partijiet l-ohra fil-kawza, li ppartecipaw ftit li xejn f’dan ir-rigward.

2. Illi ghalhekk m’huwiex oppost minnu li jigu likwidati u divizi l-beni mertu ta’ din il-kawza ta’ divizjoni, bis-soliti proceduri, u dan purche’ ikunu verifikati l-konsistenza ta’ l-assi ereditarji in divizjoni u l-kwoti rispettivi tal-partijiet.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in vista tal-fatt li l-esponenti dejjem xtaq u wera bic-car li huwa ried li ssir divizjoni bonarja minghajr il-htiega tal-Qorti, huwa jitlob umilment li ma jigi kkundannat ihallas l-ebda spejjez ta’ din il-kawza. Dan peress li in kwantu jirrigwarda lilu, din saret inutilment.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li fir-risposta guramentata taghha l-konvenuti Maria Cini et eccepew hekk:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici kif proposta hija rrita, monka u inammissibbli stante li mhuwiex konsentit li f'kawza *familiae erciscundae* tintalab id-divizjoni ta' erbgha wirtijiet separati u distinti minn xulxin bejn partijiet li m'ghandhomx interessi komuni fil-wirtijiet kollha li taghhom qed tintalab il-qasma. Permezz tal-azzjoni esperita mill-atturi qed jintalab li jigi diviz il-wirt tal-mejtin George Debrincat u martu Coronata mwielda Mifsud, tal-mejtin Joseph Grima u martu Giovanna Rosa mwielda Agius, tal-mejta Giuseppa Grima, u tal-mejtin Michael Debrincat u martu Maria mwielda Grima. F'kull wirt li tieghu qed jintalab il-qasma hemm komprizi assi li mhumiex posseduti ndivizament bejn il-partijiet kollha, u giet involuta l-partecipazzjoni tal-partijiet li m'ghandhomx interess fil-wirtijiet kollha li taghhom qed tintalab il-qasma. Huwa evidenti mir-raba' talba, il-hames talba, u s-sitt talba li minkejja dan, l-assi kollha tpoggew f'keffa wahda, meta dan mhuwiex u ma kellux ikun il-kaz. Dan imur kontra l-principji tar-regoli bazici ta' divizjoni ta' beni komuni ewlenin fosthom huma (a) kwistjoni li tinvolvi xi materja tal-wirt, trid issir fil-konfront tal-partijiet kollha nteressati, ghandhom jidhlu l-assi kollha li jkunu posseduti ndivizament bejn il-partijiet kollha interessati, u ghalhekk fiha ghandhom jippartecipaw il-partijiet kollha nteressati; (b) il-kondividendi ghandhom dritt li jiehdu sehemhom mill-hwejjeg komuni in natura; u (c) ghandha tigi evitata l-licitazzjoni bhala rimedju straordinarju u eccezzjonali meta d-divizjoni ma tistax issir kommodament u minghajr hsara jew pregudizzju ghall-kondividendi;

2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici kif proposta hija rrita, monka, u nammissibbli stante li f'kawza ta' divizjoni *familiae erciscundae,* huwa wkoll prerekwizit qabel ma tintalab il-qasma, li tintalab il-likwidazzjoni tal-wirt ossia tal-assi ereditarji. F'ebda wirt mill-erba' wirtijiet li taghhom qed tintalab il-qasma ma qed tintalab il-likwidazzjoni taghhom. Fid-divizjoni tal-assi ereditarji jridu jidhlu u jingabu fil-qasma dak kollu li jidhol f'dawk l-assi. Dan skont il-principju illi *iudex familiae erciscundae nihil*

*debet indivisum relinquere.* (Kollez. Vol XXXV.i.188). Fil-wirtijiet li taghhom qeghdha tintalab id-divizjoni m'hemmx biss l-assi mmobiljari msemmija fid-dokumenti A, B u C, izda hemm ukoll assi ohra li l-atturi ma dahluhomx fid-divizjoni. Mhuwiex konsentit illi tintalab divizjoni ta' l-eredita' ntiera. Divizjoni parzjali mhijiex ammissibbli. Barra minn hekk fil-lista tal-assi mmobblijari markata dokument 'B' hemm assi partikolari tal-wirt ta' Giuseppa Grima li huma separati u distinti mill-assi li jikkomprendu l-assi ereditarji tal-mejtin Joseph Grima u Giovanna Rosa mwielda Agius kif ser jirrizulta dettaljament fil-kors tal-kawza;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut Renzo Grima huwa mejjet. Miet fit-2 ta' Settembru 2009, skont l-anness certifikat tal-mewt markat A. Ghaldaqstant l-atti in kwantu diretti kontra tieghu huma nulli;

4. Illi, subordintament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju ma huwiex integru stante illi hemm eredi ohra tal-mejtin li tal-wirt taghhom qed tintalab id-divizjoni illi baqghu ma gewx debitament ingunti f'dan il-gudizzju;

5. Fil-meritu u dejjem bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti ma jopponux ghad-divizjoni mitluba purche' li qabel kollox tigi verifikata u accertata l-konsistenza tal-assi kollha in divizjoni, u ta' kull wirt, u tigi verifikata u accertata l-kwota li ghandhom kull wiehed u wahda mill-partijiet u mil-liema wirt ghandhom dan is-sehem. Fost l-assi mmobiljari li taghhom qed tintalab id-divizjoni hemm assi li ma jappartjenux aktar lil hadd mill-partijiet stante li dawn kienu gew mibjugha, kif ser jirrizulta dettaljatament fil-kors tal-kawza;

6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenuta Gloria Portelli wahedha riferibilment ghall-eredita' provenjenti mill-wirt u successjoni ta' Michael Debrincat u martu Maria mwielda Grima, li tirrigwardja lil uhud mill-atturi hut il-konvenuta Gloria Portelli, mhux minnu li kien hemm oppozizzjoni ghad-divizjoni da parti tal-eccipjenti Gloria Portelli, izda l-

konvenuta Gloria Portelli ma qablitx mat-termini u kundizzjonijiet tad-divizjoni li riedu jimponu hutha – kif wara kollox kellha kull dritt li taghmel – u dan kollu kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

7. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont tac-cirkostanzi attwali tas-suq tal-proprjeta' kif ukoll il-potenzjal li ghandha l-proprjeta' in divizjoni kif ser jirrizulta matul il-kors tal-kawza, il-konvenuta Gloria Portelli qeghdha minn issa tirrizerva kull dritt spettanti lilha skont il-ligi fl-eventwalita' u per konsegwenza ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta ser tbati xi telf jew tnaqqis fir-rikavat formanti parti mill-assi ereditarji kapaci ggib;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li l-kjamata fil-kawza aderixxiet ma' l-eccezzjonijiet moghtija mill-ahwa Grima fir-risposta guramentata taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din is-sentenza se tigi deciza l-ewwel eccezzjoni mressqa minn Maria Cini et u l-kuratur deputat Dr Mompalao li permezz taghhom giet eccepita n-nullita' ta' l-azzjoni odjerna.

Qabel xejn jehtieg li ssir referenza ghall-fatti:

- George u Coronata Debrincat kellhom sebat ulied cjoe' Lorenza Farrugia, Anthony Debrincat, Joseph Debrincat, Carmelo Debrincat, Karmena Debrincat, Rita Debrincat u Michael Debrincat;

- Joseph u Giovanna Rosa Grima kellhom erbat ulied ossia Michael Angelo Grima, Giuseppa Grima, Lawrence Grima u Maria Debrincat;

- Michael u Maria Debrincat kellhom hamest ulied – l-atturi Mary Sultana, Joseph Debrincat, George Debrincat (rapprezentat minn Michael Portelli), Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli;

- Permezz tal-kawza odjerna qeghdha tintalab id-divizjoni ta' tliet wirtijiet ossija ta' (i) George u Coronata Debrincat; (ii) Joseph u Giovanna Rosa Grima u (iii) Michael u Maria Debrincat. Jissemma wkoll il-wirt ta' Giuseppa Grima;

- Fil-premessi taghhom l-atturi jghidu li l-immobbli li huma ndikaw gejjin mill-wirt komuni tan-nanniet paterni George Debrincat u Coronata nee' Micallef u tan-nanniet materni Joseph Grima u Giovanna Rosa nee' Agius.

Illi minn dak premess huwa evidenti li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom qeghdin jitolbu d-divizjoni ta' tliet wirtijiet:

1. dak ta' George Debrincat u Coronata. Huma jindikaw li hemm biss garaxx[1]. Il-partijiet f'din il-kawza li ghandhom interess fil-qasma ta' dan il-wirt huma biss l-atturi u l-konvenuti Gloria Portelli, John Farrugia, Mark Stephan u Valerie Grech. Infatti l-atturi Joseph, Maria Assunta, Georgia u Maria armla ta' Vincent Debrincat huma wlied Joseph Debrincat. L-atturi George, Mary Sultana, Joseph, Antoinette Portelli flimkien mal-konvenuta Gloria Portelli huma wlied Michael Debrincat. John Farrugia huwa n-neputi u werriet ta' Carmelo Debrincat, filwaqt li George A. Debrincat u Valerie Grech huma wlied Anthony Debrincat.

2. dak ta' Joseph Grima u martu Giovanna Rosa. L-atturi jindikaw li hemm ghall-qasma hdax-il proprjeta' hekk kif indikati f'Dok B[2]. Tajjeb li jinghad li fost dawn il-proprjetajiet m'hemmx il-garaxx imsemmi f'Dok A. Irid jigi sottolineat wkoll li mhux il-kontendenti kollha ghandhom

[1] Dok A a fol 16 tal-process

[2] A fol 17 tal-process

interess f'din il-qasma. Ghandhom interess l-atturi ad eccezzjoni ta' Tricia A. Hickman u Robert A. Stephan kif rapprezentati minn Michael Portelli, Georgia Debrincat, Maria Assunta Debrincat, Maria armla ta' Vincent Debrincat, Joseph Debrincat u Gary Debrincat nomine. Ghandhom interess ukoll il-konvenuti ad eccezzjoni ta' John Farrugia, Mark Stephan u Valerie Grech.

3. dak ta' Michael u Maria Debrincat. L-atturi jindikaw li hemm ghall-qasma tliet proprjetajiet indikati f'Dok C[3]. Minn dawn il-proprjetajiet hemm proprjeta' wahda li hija komuni ghall-wirt ta' Joseph Grima u martu Giovanna Rosa. Oltre' dan hemm sehem ta' settima parti ndiviza (1/7) mill-wirt tal-genituri tieghu George u Coronata Debrincat u fil-wirt ta' Maria Debrincat hemm sehem ta' kwart indiviz (1/4) mill-wirt tal-genituri taghha, Joseph u Giovanna Rosa Grima. Apparti minn hekk hemm ukoll il-qasma tal-beni li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Interess fil-qasma tal-wirt taghhom ghandhom biss uliedhom l-atturi Mary Sultana, Joseph Debrincat, George Debrincat, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli.

Illi bhala principju huwa maghruf illi *'Meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod illi m'ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; ghax divizjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata. Ghaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tieghu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi ohra li ghad ma gewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss is-sehem li tieghu tintalab il-qasma[4]".*

---

[3] A fol 19 tal-process

[4] **Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et,** Appell Civili deciz fit-12 ta' Novembru 1951, Vol 35A, P1, Section 1, Pg 188

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et**[5] inghad:

*"Indubbjament l-eccezzjoni moghtija hija l-effett tar-regola tal-azzjoni "familae erciscundae" tad-dritt Ruman li bis-sahha taghha ma jistghux jigu spigolati beni individwali ndivizi ghall-finijiet ta' divizjoni parzjali. Hekk gie dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet "***Maria mart Edgar Vassallo et –vs- Emmanuele Vella***", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Marzu 1979 fejn a propozitu fiha l-atturi kienu qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut okkupa abbuzivament bicca raba li kienet f'idejn missierhom bi qbiela minghand il-Gvern u fejn kien hemm qbil ukoll illi l-wirt tieghu kien ghadu mhux likwidat u diviz.*

*Kif jinghad fid-decizjoni a* ***Vol XXX pII p203*** *l-"action familae erciscundae" tolqot "omne jus quod defunctus habuit" u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew 'in rem'. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b'titolu ta' proprjeta` jew ta' kera. Ghaldaqstant "mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha" (Kollez* ***Vol XXXVI pI p375*** *u* ***Vol XXIX pI p1203****). Dan sahansitra "sal-punt li ma humiex permessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt" (Kollez* ***Vol XXXVI pII p540****).*

*Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-***Laurent** *("Principii di Diritto Civile" Vol X para 291) "l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiganti – f'liema kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi ta' l-interessati" (Kollez* ***Vol XXXV pI p458****)."*

Illi mhux kontestat li permezz tal-kawza odjerna qeghda tintalab id-divizjoni ta' tliet wirtijiet separati u distinti minn

[5] Appell Civili 722/2001PS deciz fl-10 ta' Marzu 2004

xulxin. Oltre’ dan ghalkemm ma ntalbitx id-divizjoni tal-wirt ta’ Giuseppa Grima fil-premessi wiehed isib li hemm referenza ghall-ishma derivanti minn tali wirt liema wirt ghadu ma giex likwidat. Minghajr ebda dubju setghu jigu prezentati tliet kawzi separati li f’kull kawza kienu jkunu nkluzi l-partijiet li ghandhom interess specifiku ghal dak il-wirt partikolari. Verament li l-partijiet ghandhom parentela minn xulxin izda dan ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li kellha tigi prezentata kawza wahda. Dan partikolarment jinghad meta mill-proprjeta’ li ssemmiet mill-atturi stess huma biss hames kontendenti li ghandhom ishma ndivizi differenti fil-proprjetajiet kollha ossija George Debrincat, Joseph Debrincat, Mary Sultana, Antoinette Portelli u l-konvenuta Gloria Portelli. Fil-fatt jirrizulta li hlief ghal George Debrincat, Joseph Debrincat, Mary Sultana u Antoinette Portelli mhux l-atturi kollha ghandhom interess guridiku fit-talbiet attrici peress li mhumiex kompartecipi ghal kull wirt. S’intendi jsegwi ghalhekk li mill-konvenuti hemm uhud minnhom li mhumiex legittimi kuntraditturi ghat-talbiet kollha mressqa.

Huwa evidenti li l-atturi qeghdin ihalltu l-*actio familiae erciscundae* ma’ l-*actio comuni dividundo.* Dan jinghad partikolarment ghaliex filwaqt li fil-premessi jissemma kontinwament ‘wirt’ fit-talbiet qed jintalab dikjarazzjoni li l-beni komuni bejn uhud mill-partijiet huma dawk konsistenti fid-dokument relattiv ezebit mill-atturi. Dan huwa wkoll imsahhah mill-fatt li ma ntalbitx il-likwidazzjoni tal-wirt partikolari u ghalhekk dan iwassal li ntalbet divizjoni ta’ assi partikolari biss. Kif inhu maghruf meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta’ assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f’dak l-assi b’tali mod li ma jibqa’ xejn indiviz minn dak li jidhol f’dak l-assi.

Ghalhekk konxja tal-principju u tal-gurisprudenza ormai assodata li l-atti ghandhom kemm jista’ jkun jigu salvati, madankollu l-qorti f’dan il-kaz tqis li m’ghandhiex alternattiva ohra hlief li twaqqa’ l-istess rikors guramentat. Il-qorti hija tal-fehma li kien hemm difett fil-forma tar-rikors promotur li toltrepassa l-limitu ta’ mera formalita’ u tolqot l-istess sustanza ta’ l-azzjoni. Tali nuqqas ma setax jigi

rimedjat taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi minghajr ma necessarjament tinbidel is-sustanza tal-azzjoni.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-qorti  tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Dr Kevin Mompalao nomine u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra ad eccezzjoni tal-konvenut John Farrugia u ghaldaqstant tiddikjara l-azzjoni attrici proposta bhala rrita u nulla u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Bl-ispejjez a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------